Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Kongunt Numru. 79/2012

**A B**

**u**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Gunju 2002;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul gew sodisfatti u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Liza Camilleri sa mill-31 ta' Awissu 2005;

Rat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u il-partijiet iddekadew mill-obbligiu tal-manteniment reciproku permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni personali taghhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------